**Laqgħa B'Urġenza Numru 61**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**9 ta' Novembru 2023**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' fil- Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fil-12.25 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

Hubert Saliba- Sindku

Paul Azzopardi- Viċi Sindku

Johnny Vella- Kunsillier

Domenic Zerafa- Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14 3)):

ASSENTI

Jeanelle Attard-Kunsilliera

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard - Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa

**61.1 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv**

61.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li wara li s-Segretarju Eżekuttiv tat ir-riżenja tagħha ħass li għandu jlaqqa' l-Kunsill b'urġenza biex jinħatar Deputat Segretarju. Is-Sindku rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv Marion Attard għall-ħidma kontinwa min-naħa tagħha għall-ġid tax-Xewkija fl-aħħar sitt snin u nofs. Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera preżenti awguri għall-ħatra ġdida tagħha fil-Kunsill tax-Xagħra. Mill-banda l-oħra s-Segretarju Eżekuttiv ħadet l-opportunita' biex tirringrazzja lis-Sindku Hubert Saliba kif ukoll lill-membri tal-Kunsill kollha għall-fiduċja li dejjem urew fiha u s-sapport kontinwi tul dawn is-snin.

61.1.2 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill għandu jinnomina lil Assistent Prinċipal Chrismar Xuereb bħala Deputat Segretarju biex eventwalment jinħatar bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv meta s-Segretarju Eżekuttiv tħalli l-Kunsill fi ftit ġimgħat oħra wara li tkun tat *handover*.

Il-membri preżenti unanimament qablu li s-Sur Chrismar Xuereb huwa l-persuna ideali mhux biss għax diġa' jaħdem fil-Kunsill imma anke peress li hu persuna responsabbli li jieħu xogħlu b'serjeta' u b'dedikazzjoni.

Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-12.45pm.

Konfermati illum ______________________

Hubert Saliba
Sindku

Marion Attard
Segretarju Eżekutti